MALTA

# QORTI CIVILI
# PRIM' AWLA

## ONOR. IMHALLEF
## JOSEPH ZAMMIT MC KEON

Seduta tat-12 ta' Jannar, 2011

Citazzjoni Numru. 940/2010

**Advance Shipping Limited**

***kontra***

**X**

**Il-Qorti :**

Rat ir-rikors ta` Advance Shipping Limited prezentat fl-20 ta` Settembru 2010 ai termini tal-Art.214(1)(a) tal-Kap.386 tal-Ligijiet ta` Malta li jaqra hekk –

*1. Il-locus standi tar-rikorrenti huwa msejjes fuq l-artikolu 218 tal-Kap.386 tal-Ligijiet ta` Malta.*

*2. Advance Shipping Limited giet kostitwita fil-5 ta` Mejju 1995 (Dokument "AS1") u kopja ta` l-istatut ta` Advance Shipping Limited jinsab hawn anness u mmarkat Dokument "AS2".*

*3. Ir-rikorrenti tikkonferma illi fis-26 ta` Awissu 2010 ttiehdet risoluzzjoni straordinarja tal-kumpannija Advance Shipping Limited (Dokument "AS3") fejn filwaqt li gie nnutat illi (a) l-kumpannija in kwistjoni ilha ma topera ghal aktar minn tmintax-il xahar u wkoll illi (b) mhix f`qaghda li thallas id-djun taghha, gie deciz unanimament mill-azzjonisti ta` Advance Shipping Limited illi din il-kumpannija ghandha tigi stralcjata u xolta minn din l-Onorabbli Qorti.*

*4. Ghaldaqstant abbazi tas-suespost ir-rikorrenti jitolbu bir-rispett lil din l-Onorabbli Qorti joghgobha :*

*4.1. Tordna illi Advance Shipping Limited tigi xolta u konsegwentement stralcjata minn din l-Onorabbli Qorti u dan abbazi ta` l-artikolu 214(1)(a) tal-Kap.386 tal-Ligijiet ta` Malta stante illi l-kumpannija in kwistjoni ilha ma topera ghal dawn l-ahhar tmintax-il xahar u wkoll illi mhux f`qaghda li thallas id-djun taghha.*

*Bl-ispejjez.*

Rat id-dokumenti li kienu esebiti mar-rikors u li kienu markati Dokument AS1, AS2 u AS3.

Rat ix-xhieda bl-affidavit ta` Joseph German (fol 24), ix-xhieda bl-affidavit ta` Pierre Sladden (fol 25 u 26) u Dok PS1 (fol 27 sa 32) li kien anness ma` dan l-ahhar affidavit.

Rat in-nota ta` sottomissjonijiet tal-kumpannija rikorrenti (fol 24 u 25).

Rat id-digriet taghha moghti fl-udjenza tat-2 ta` Dicembru 2010 fejn halliet il-kawza ghall-provvediment ghal-lum.

Rat in-nota b'zewg dokumenti li kienet prezentata fl-14 ta' Dicembru 2010.

**Ikkunsidrat :**

Bil-procedura tal-lum, il-kumpannija rikorrenti talbet lil din il-Qorti sabiex tordna x-xoljiment u l-stralc konsegwenzjali taghha skond l-**Art.214(1) (a) tal-Kap.386** tal-Ligijiet ta' Malta. Skond din id-disposizzjoni, *kumpannija xxolji u konsegwentement tigi stralcjata meta l-kumpannija tirrisolvi b'rizoluzzjoni straordinarja li l-kumpannija ghandha xxolji u tkun stralcjata mill-qorti*.

Il-kumpannija rikorrenti tghid li ghandha *locus standi* f`dan il-procediment abbazi tal-**Art.218 tal-Kap.386.** Skond din id-disposizzjoni, talba ghal stralc ta` kumpannija mill-qorti skond l-artikolu **214(1)(*a*)** ghandha ssir b'rikors li jista' jsir **jew** mill-kumpannija wara decizjoni tal-laqgha generali **jew** mill-bord tad-diretturi taghha **jew** minn xi detentur ta' obbligazzjoni, kreditur jew kredituri, **jew** minn xi kontributorju jew kontributorji.

Fil-kaz tal-lum, il-kumpannija qeghda tghid li qeghda tipprezenta dan ir-rikors wara decizjoni tal-laqgha generali.

Ir-Registratur tal-Kumpanniji kien notifikat b`kopja tar-rikors promotur skond l-**Art. 218(8)** tal-Kap.386.

Mill-provi akkwiziti, jirrizulta l-kumpannija Advance Shipping Limited dahlet fis-sehh fil-5 ta` Mejju 1995. L-*issued share capital* taghha kien ta` tlitt elef (3000) sehem b`valur ta` lira Maltija (Lm1) kull sehem. Meta saret il-kumpannija, l-azzjonisti ma kienux dawk tal-lum. Mid-diretturi tal-bidu, Joseph German ghadu direttur sal-lum. Id-direttur l-iehor tal-lum huwa Pierre Sladden. Fil-prezent, l-azzjonisti huma l-kumpannija Freight Holdings Ltd (C22493) li tippossjedi elfejn disa` mija u disgha u disghin (2999) sehem u Joseph German li jippossjedi sehem wiehed (1). Joseph German u Pierre Sladden huma wkoll diretturi ta` Freight Holdings Ltd. Jirrizulta li fis-26 ta` Awissu 2010 saret laqgha generali straordinarja ta` Advance Shipping Limited fejn l-azzjonisti approvaw unanimament ix-xoljiment u stralc tal-kumpannija. Tnejn kienu r-ragunijiet moghtija li wasslu ghad-decizjoni approvata – (a) li l-kumpannija kienet ilha ma topera ghal aktar minn 18-il xahar u (b) li ma kenitx f`qaghda li thallas id-djun taghha.

Ix-xoljiment u stralc ta` kumpannija fic-cirkostanzi nvokati mill-kumpannija rikorrenti huma fid-diskrezzjoni tal-Qorti. U ghalhekk il-fatt **wahdu** li tkun ittiehdet rizoluzzjoni straordinarja minn laqgha generali ta` kumpannija sabiex tigi xjolta u stralcjata l-kumpannija mhux bizzejjed biex tkun akkolta t-talba. L-ahhar kelma tibqa` tal-Qorti li trid tkun sodisfatta tassew li jirrizultaw iz-zewg rekwiziti tal-**Art.214(2)(a)** tal-Kap.386 u cioe` (i) jekk in-negozju tal-kumpannija jkun sospiz ghal perjodu bla waqien ta’ erbgha u ghoxrin xahar u (ii) jekk il-kumpannija ma tkunx tista’ thallas id-djun taghha.

Din il-Qorti hija ghalhekk obbligata tgharbel bir-reqqa l-provi li tressqu u tiddeciedi konformement. Sabiex issostni r-ragunijiet taghha abbazi ta` dawn iz-zewg rekwiziti, il-kumpannija attrici ma ressqet l-ebda dokument bhala *audited accounts*. Hija qaghdet ghal kollox fuq ix-xhieda bl-affidavit ta` Joseph German u Pierre Sladden.

Fl-affidavit tieghu (a fol 24) Joseph German *inter alia* jixhed hekk –

*Ghal habta ta` Awissu 2008 kien beda xi disgwid bejn l-azzjonisti tal-kumpannija … Meta rajna li ma stajniex inkomplu ghaliex kien hemm opinjonijiet differenti bejn l-azzjonisti ahhara tal-kumpannija iddecidejna li ma nibqghux noperaw. Fil-fatt fil-bidu ta` Frar 2009 il-kumpannija waqfet kompletament u ghalaqna ghal kollox il-bibien … ppruvajna nigbru kemm jista` jkun flus minghand id-debituri tal-kumpannija. Meta rajna li ma stajniex inhallsu l-kredituri ddecidejna li nitfghu l-kumpannija f`liquidation.*

Fl-istess sens xehed Pierre Sladden fl-affidavit tieghu (a fol 25).

Minn dawn ix-xhieda, ghall-fini tal-**<u>Art.214(2)(a)(i),</u>** qed jirrizulta li l-kumpannija waqfet topera ghal kollox fi Frar 2009. Ghalhekk sad-data tar-rizoluzzjoni straordinarja (26 ta` Awissu 2010) u sad-data tal-presentata tar-rikors tal-lum (20 ta` Settembru 2010) ghaddew **<u>anqas</u>** minn 24 xahar.

**<u>Ghalhekk l-ewwel rekwizit mhux pruvat u sodisfatt.</u>**

Ghall-fini tal-**<u>Art.214(2)(a)(ii)</u>** u cioe` li l-kumpannija ma tkunx tista' thallas id-djun taghha, trid issir riferenza ghall-**<u>Art.214(5)</u>** tal-Kap.386 li jistabilixxi meta kumpannija ghandha titqies li ma tkunx tista' thallas id-djun taghha ghall-finijiet tal-Art.214(2)(a)(ii).

L-Art.214(5) ghandu zewg subparagrafi.

**<u>Is-subparagrafu (a)</u>** ighid hekk – *jekk id-dejn dovut mill-kumpannija jkun baqa' ma thallasx ghal kollox jew f'parti wara erbgha u ghoxrin gimgha mill-ezekuzzjoni ta' titolu ezekuttiv kontra l-kumpannija b'xi wiehed mill-atti ezekuttivi msemmijin fl-artikolu 273 tal-Kodici ta' Organizzazzjoni u Procedura Civili.* Fit-trattazzjoni ta' dan il-kawza, ma tressqet ebda prova li l-kumpannija rikorrenti kienet is-suggett ta` att ezekuttiv u li l-ammont pretiz baqa' ma thallasx *in toto* jew *in parte* sa erbgha u ghoxrin gimgha mill-ezekuzzjoni tal-istess att.

**<u>Ghalhekk ir-rekwizit tas-subparagrafu (a) ma jirrizultawx</u>**.

**<u>Is-subparagrafu (b)</u>** ighid hekk – *jekk ikun ippruvat ghas-sodisfazzjon tal-Qorti li l-kumpannija ma tkunx tista' thallas id-djun taghha, meta din tqis ukoll il-passiv kontingenti u prospettiv tal-kumpannija.* Fuq l-iskorta ta` dak mistqarr mix-xhieda tal-kumpannija rikorrenti, din il-Qorti ma tistax tasal ghall-prova ta` din id-disposizzjoni. L-ahjar prova kellha tkun dik tal-kontijiet tal-kumpannija li ghal xi raguni baqghu ma ngabux bhala prova ghall-konsiderazzjoni ta` din il-Qorti.

**<u>Ghalhekk fic-cirkostanzi din il-Qorti tqis li mhux sodisfacjentement pruvat lanqas is-subparagrafu (b).</u>**

**Ghar-ragunijiet kollha fuq premessi, din il-Qorti qeghda tichad it-talba tal-kumpannija rikorrenti bl-ispejjez kontra taghha.**

**< Sentenza Finali >**

-------------------------------TMIEM-------------------------------